VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,691, 6 ta' Diċembru, 2016
Taqsima B

A.L. 406 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha - Kapitolu 31)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel il-korrezzjoni li ġejja:

1. Fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, għandha ssir il-korrezzjoni li ġejja, jiġifieri minflok l-isem "JWH-08" fl-Ewwel Kolonna tagħha għandu jidħol l-isem "JWH-018". Korrezzjoni fl-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap. 31.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-5 ta' Frar, 2016, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha titqies li ġiet fis-seħħ. Bidu fis-seħħ.